MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Numru. 599/2005

**Spettur Geoffrey Azzopardi/Carmelo Abdilla
vs
Gerard CHALACA
Martial Raphael LUBRANO
Jerome Edouard Maurice RAYNAUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Gerard Chalaca, ta’ 32 sena, iben Fernard u Viegaz nee` Germaine, imwieled Franza fit-13 ta’ Ottubru 1972 u temporanjament residenti abbord il-lanca Khandill II sorguta l-Marsa, detentur tal-Passaport bin-numru 05TR84235;

Martial Raphael Lubrano, ta’ 22 sea, iben Gerald u Beatrice nee` Auquier, imwieled Franza fit-23 ta’ Dicembru 1982 u temporanjament residenti abbord il-

lanca Khandill II sorguta l-Marsa, detentur tal-Passaport bin-numru 03EB40022;

Jerome Edouard Maurice Raynaud, ta' 20 sena, iben Olivier u Claude Marie nee` Borel, imwieled Franza fit-23 ta' Jannar 1985 u temporanjament residenti abbord il-lanca Khandill II sorguta l-Marsa, detentur tal-Passaport bin-numru 05PK88633.

Akkuzati talli (1) fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Lulju 2005 f'San Giljan, flimkien ma' perusni ohra kkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla VW Polo bin-numru tar-Registrazzjoni EBD 474, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), hin u x-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-dannu ta' Rita Coleiro miz-Zejtun;

(2) akkuzati talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Rita Coleiro miz-Zejtun, kontra l-volonta` taghha. It-tieni parti ta' din l-imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

(3)akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Felix Barbara minn Bormla skond ma ccertifika Dr. D. Balzan M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Paola;

(4) akkuzat wkoll talli bil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Lulju 2005 f'San Giljan/Swieqi flimkien ma' persuni ohra, volontarjament hasssru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cjoe` fil-vettura VW Polo bin-numru tar-Registrazzjoni EBD 474, fil-vettura Alfa Romeo bin-numru tar-Registrazzjoni AMM 006, fil-vettura Peugeot 306, bin-numru tar-Registrazzjoni BAR 637, fil-vettura Peugeot 405 bin-numru tar-Registrazzjoni LGY 156 u fl-ghamara ta' l-istabbilimenti Nero u Fuego, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira Maltin (Lm500), saret ghad-dannu tas-sidien rispettivi;

(5) akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Lulju 2005 f’San Giljan flimkien ma’ persuni ohra, minghajr ma darbu jew sawtu, heddew bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom, jew qabdu armi ohra kontra n-nies;

Lil Gerard Chalaca wahdu, akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Lulju 2005 f’San Giljan ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kenneth Camilleri minn Hal Tarxien, skond ma ccertifika Dr. Robert Patimott M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

Rat il-korrezzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni fit-tieni imputazzjoni billi kkancellat il-kliem “u kkagunawlha feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. M. Rizzo Naudi M.D. minn Hal Ghaxaq.”

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tikkonferma ic-citazzjoni bil-gurament;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi migjuba kontrihom liema ammissjoni huma kkonfermaw wara li nghataw zmien bizzejjed biex jahsbuha;

Stante l-ammissjoni ta’ dawn l-imputazzjonijiet mill-imputati, dawm l-imputazzjonijiet gew ippruvati skond il-Ligi;

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17 (b), 261, 262 (1) (b), 267, 270, 271 (g), 86, 221, 325 (a), 339 (1) (b), issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontrihom.

Dwar il-piena l-Qorti qieset il-kondotta nadifa ta’ l-imputati, li ammettew mill-ewwel u li hallsu d-danni kollha li ghamlu seduta stante. Ghalhekk qed tikkundannahom kif gej:

Lil Jerome Edouard Maurice Raynaud u kif ukoll lil Martial Raphael Lubrano ghal prigunerija ta’ sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin u ghal multa ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm300) u lil Gerard Chalaca ghal prigunerija ta’ sentejn

(2) sospiza ghal erba’ (4) snin u ghal multa ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400).

Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 fi kliem semplici lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------